StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

PARVA PARVORUM PULCHRA

**Skejjel Primarji**

**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2012**

**Is-Sitt Sena** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u kwart**

**Isem u kunjom:** ____________________________ **Klassi:** _____________

## A. Agħżel is-sentenzi veri dwar Alla u agħmel (✓).

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Alla ħalaq is-sema, l-art u dak kollu li jeżisti. | |
| 2 | Alla jpattihielna meta nagħmlu l-ħażin. | |
| 3 | Alla għandu ġisem bħal tagħna. | |
| 4 | Alla hu kbir u għaref. | |
| 5 | Alla hu spirtu. | |
| 6 | Alla kien minn dejjem u jibqa' għal dejjem. | |
| 7 | Alla ma jiħux ħsiebna. | |
| 8 | Alla jaf kollox, jista' kollox u qiegħed kullimkien. | |
| 9 | Alla mhux fuq kollox u kulħadd. | |
| 10 | Alla m' għamilx kollox sew. | |





www.StudentBounty.com

2l,’

(5 marki)

**B. Aqta’ sing taħt il-kelma t-tajba.** (10 marki)

1. Lil Ġob, Alla deherlu f’(sajjetta, tempesta, dalma, warda).
2. Quddien il-kobor t’Alla, Ġob ħassu (mitluf, kbur, ċkejken, imħawwad).
3. Meta naraw il-ħwejjeġ tal-għaġeb li ħalaq Alla nifhmu kemm hu tassew (żgħir u ma jaf xejn, kbir u ma jaf xejn, żgħir u għaref, kbir u għaref).
4. Quddiem Alla, id-dinja qisha (qatra, traba, farka, tikka) fil-miżien.
5. (Alla, Missierna, In-nannu, Iz-ziju) kien l-ewwel wieħed li ħabbna u ħarisna.
6. Fost il-ħlejjaq kollha li hawn fid-dinja Alla jħobb l-aktar (lit-tajr, lilna l-bnedmin, lill-insetti, lill-ħut).
7. Alla ħalaqna (xbieha, ulied, ħbieb, frieħ) tiegħu.
8. Alla ħalaq lill-bniedem aqwa mill-ħlejjaq l-oħra għax tah (qalb, moħħ, ġisem, ruħ) li tagħmlu jixbah lilu.
9. Minn fost il-ħlejjaq kollha Alla għamilna l-(ħbieb, għedewwa, għalliema, avukati) speċjali tiegħu.





www.StudentBounty.com

10. Meta nagħrfu kemm Alla jħobbna u (jrid jikkuntentana, jieħu ħsiebna, jrid ikellimna, ma jridx iweġġagħna) nersqu lejh bil-ferħ u bl-imħabba.

**Ċ. Poġġi dawn is-sentenzi wara xulxin biex turi kif għandna nagħmlu qrara tajba.** (5 marki)

| | |
|---|---|
| Nagħtu kelma 'l Alla li ma nerġgħux. | |
| Nagħmlu l-għemil tajjeb li jagħtina l-konfessur. | |
| Naħsbu dnubietna sew. | |
| Nindmu minn dnubietna. | |
| Inqerru dnubietna kollha. | |



**D. Qabbel kolonna A ma' kolonna B:** (10 marki)

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| **0** | Ġesù ġie fostna biex jgħaqqadna | | L-Appostli |
| **1** | Il-pont li jgħaqqadna m'Alla | | Ġordan |
| **2** | Tahulna Ġesù biex ikun dejjem magħna | | mfarrġa |
| **3** | L-ewwel isqof ta' Malta | **0** | m'Alla |
| **4** | Għażilhom Ġesù minn fost id-dixxipli tiegħu | | fit-talb |
| **5** | Jagħmlu l-ħidma tal-appostli | | L-Ispirtu s-Santu |
| **6** | Fuqu, Ġesù bena l-knisja tiegħu | | verità |
| **7** | Mulejja nemmen fik, kollok | | Ġesù |
| **8** | Ġesù kien sikwit jitkellem ma' Missieru | | San Pietru |
| **9** | Ġesù tgħammed fix-xmara | | San Publiju |
| **10** | Ħenjin l-imnikktin, għax huma jkunu | | L-isqfijiet |



www.StudentBounty.com

## E. Wieġeb. (8 marki)

1. Agħti żewġ ismijiet ta' Qaddisin li int tilob biex jgħinuk.

____________________ u ____________________ (2)



2. Meta niċċelebraw il-festa tal-qaddisin kollha?

____________________ (2)

3. Il-qaddisin lilna jgħinuna billi:

(i) ______________________________________________

(ii) u billi ______________________________________________. (4)

## F. Ikteb l-isem ta' dawn it-talbiet. (10 marki)

Eż: Anġlu t'Alla li fit-tjubija tiegħu Alla tani biex tħarisni ...
**Talba lill-Anġlu Kustodju**



1. ... bil-grazzja mimlija, imbierka inti fost in-nisa ...

______________________________

2. ... kif kien mill-bidu issa u dejjem ta' dejjem, Ammen.

______________________________

3. Agħtihom Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...

______________________________

4. Sliem għalik Sultana, omm tal-ħniena ħajja, ħlewwa u tama tagħna ...

______________________________

5. ... jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun dak li trid int ...

______________________________

## Ġ. Imla l-vojt: (10 marki)



www.StudentBounty.com

Il-kelma Avvent tfisser _______________. Dan jibda minn _______________ iħdud qabel il-festa tal-_______________. Fl-Avvent aħna niftakru fi _______________ miġjiet tal-Mulej. Fl-ewwel miġja nfakkru t-_______________ ta' Ġesù fl-għar ta' _______________, waqt li fit-tieni miġja niftakru f'dak li għad iseħħ fl-_______________ tad-dinja, meta Ġesù għad jiġi bil-glorja kollha tiegħu biex jagħmel ħaqq bejn it-tajbin u l-_______________. Fl-aħħar miġja niftakru meta Ġesù jiġi fil-_______________ u fil-_______________ tagħna.



**G. Ifforma sentenza billi tikteb numru fil-kaxxa tan-nofs. L-ewwel waħda lest.** (5 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **0** | Il-Knisja ġiet | | immexxija minn ragħaj wieħed. |
| **1** | Meta ngħidu **Knisja** jiġifieri | | Ġesù taha l-qawwa biex tixtered mad-dinja kollha. |
| **2** | Il-Knisja hi **Waħda** għax | | il-Familja t'Alla. |
| **3** | Il-Knisja hi **Qaddisa** għax | | hi mibnija fuq it-tagħlim tal-Appostli. |
| **4** | Il-Knisja hi **Kattolika** għax | **0** | imwaqqfa minn Ġesù. |
| **5** | Il-Knisja hi **Appostolika** għax | | Ġesù bagħat l-Ispirtu s-Santu biex iħarisha mill-ħażen. |

**GĦ. F'liema Kmandament ifakkruna dawn it-tfal bl-imġiba tagħhom? Ara l-eżempju.** (5 marki)



www.StudentBounty.com

| | | |
|---|---|---|
| **0** | Ryan qatt ma jmiss l-affarijiet ta' ħaddieħor bla permess. | **7 Kmandament** |
| 1 | Andy dejjem jgħid il-verità. | |
| 2 | Sara tgħid talba f'qalbha meta tisma' lil xi ħadd jidgħi. | |
| 3 | Mark jgħin lil ommu u 'l missieru. | |
| 4 | Steve jitfi t-televixin meta jkun hemm xi film pastaż. | |
| 5 | Mario jmur iżur il-morda nhar ta' Ħadd u nhar ta' festa. | |




**Ħ. Il-Papa hu l-Mexxej tal-Knisja fid-dinja. Ikteb talba qasira għall-bżonnijiet tiegħu.** (4 marki)



______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________.

**H. Kompli dawn is-sentenzi dwar il-miġja ta' San Pawl f'Malta.** (10 marki)

**Eż**: L-10 ta' Frar ifakkarna f'**San Pawl**.

1. San Pawl kien sejjer Ruma, meta qamet ____________________.
2. Wara erbatax-il jum waslu ____________________.
3. Il-Maltin qabbdu ____________________ biex Pawlu u sħabu jisħnu.



www.StudentBounty.com

4. Pawlu ġabar xi zkuk u poġġihom fin-__________________.

5. __________________ ħarġet min-nar u qabdet ma' id Pawlu.

6. Meta raw li ma ġralu xejn, il-Maltin ħasbuh xi __________________.

7. Kemm dam hawn Malta, Pawlu __________________ ħafna morda.

8. Wara __________________ xhur, Pawlu telaq lejn Ruma.

9. Il-festa tal-10 ta' Frar hija l-festa tat- __________________ tal-Knisja f'Malta.



10. F'dan il-jum, nirringrazzjaw lil Alla għax il-Maltin saru __________________.

**I. X'għandhom jagħmlu dawn it-tfal bħala nsara tajbin? Ikteb sentenza ħdejn kull waħda minnhom. Tirrepetix l-ideat.** (8 marki)

**Eż:** Omm Martha kisret sieqha.
**Martha għandha tgħin lil ommha f'dak li jkollha bżonn**.

1. Romina serqet xi flus mill-portmoni t'ommha.

   ____________________________________________________.

2. Sven gideb fuq sieħbu biex ma jaqlax kastig hu.

   ____________________________________________________.

3. Il-ħabib ta' Sam qiegħed l-isptar.

   ____________________________________________________.

4. Il-ħabiba ta' Marika ma tistax tifhem ix-xogħol li taha l-għalliem.

   ____________________________________________________.

5. Jeremy nduna li fil-bitħa ħadd mhu qed jilgħab ma' Paul.

   ____________________________________________________.

6. Lara semgħet lil wieħed raġel jidgħi.



www.StudentBounty.com

______________________________________________________.

7. Luca nduna li Karl nesa jġib il-*lunch*.

______________________________________________________.

8. Tifel fil-klassi ta' Terry qed jaqbad miegħu.

______________________________________________________.



## J. Imla bis-sagrament it-tajjeb. (5 marki)

| | | |
|---|---|---|
| 0 | Jagħmilna ulied Alla. | **Magħmudija** |
| 1 | Jgħaqqad mara u raġel biex isiru familja. | |
| 2 | Jerġa' jagħmilna ħbieb m'Alla u ma' xulxin. | |
| 3 | Isaħħaħna biex nagħmlu mewta tajba. | |
| 4 | Raġel isir saċerdot. | |
| 5 | Nirċievu lil Ġesù ġewwa fina. | |

## K. Ikteb paragrafu ta' 5 sentenzi dwar wieħed minn dawn: (5 marki)







www.StudentBounty.com

**Il-Milied** jew **L-Epifanija**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

_____________________________________________________________________.



www.StudentBounty.com